CITTA' NOTABILE

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mdina

## IS- SEBA'LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 60

L-Erbgħa, 10 ta' Jannar 2018

Il-Kunsilli Lokali Mdina ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Corte Capitanale, Misrah il-Kunsill, Mdina fid- 4.15pm.

**PREŻENTI:**

Peter Sant Manduca – Sindku
Joseph Debono– Viċi Sindku
Mary Ann Sultana- Kunsilliera
Camille Scerri- Kunsilliera
Alfred Barbaro Sant- Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Mark Mallia – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Peter Sant Manduca ippresjeda l-laqgħa li bdiet fid-4.15pm.

## 60.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

60.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

## 60.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

60.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqegħdu l-minuti tat- Disa' u Ħamsin laqgħa. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

60.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-minuti kienu approvati unanimament. Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

## 60.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

60.3.1 Is- Sindku talab li l-cameras tal-pulizija li hemm instalati fi Greeks Gate jinbidlu għaliex għandhom ħsara u mhux vijabbli li jiġu rranġati. Il-Kunsill approva.

60.3.2 Is- Sindku talab li t-tabelli tal-parking tar-residenti fi Greeks Gate hemm bzonn li jinbidlu u jsiru oħrajn ġodda. Il-Kunsill appprova.

60.3.3 Is- Sindku talab li jinxtraw xi cigarette bins ġodda u jiġu nstallati flok dawk li hemm zdingati li jinsabu ġewwa l-Mdina. Il-Kunsill approva.

60.3.4 Is- Sindku f'isem il-Kunsill xtaq jirringrazzja lill-Kunsilliera Maryann Sultana ta' l-intervent tagħha biex tiġi rrangata in-niċċa li tinsab fid-daħla ta' Greeks Gate.

60.3.5 Is- Sindku talab lis- SE biex ikellem lil Mario Cini ħalli jirranġa xi pilastri li jinsabu fi Howard Gardens faċċata ta' Vadala għax qed jiċċaqalqu.

## 60.4 Approvazzjoni tal-Bagit 2018.

60.4.1 Il-Bagit għas-sena finanzjarja 2018 tqiegħed fuq il-mejda tal-Kunsill (mehmuz). Kopja ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa. Is-Segretarju Eżekuttiv spiega xi affarijiet lill-Kunsilliera.

60.4.2 Il- Bagit, kif kien propost għall-approvazzjoni mis-Sindku, ġie approvat unanimament

### 60.5 Performance Bonus għas-Sena 2017 lis- Segretarju Ezekuttiv u Ħaddiema Klerikali

60.5.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu r-rapporti tal-effiċjenza għas-sena 2017 fir-rigward tas-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill, s-Sinjur Mark Mallia. Il-Kunsill iddiskuta r-rapport tas-Segretarju Eżekuttiv. F'dan il-ħin is-Segretarju Eżekuttiv kien skuzat mil-laqgħa u ħareġ mill-kamra. Il-Kunsill iddiskuta l-materja u talab lis-Segretarju Eżekuttiv jerġà jidħol fil-kamra. Is-Sindku nforma lis-Segretarju Eżekuttiv illi l-Kunsill unanimament approva performance bonus ta' 10% tas-salarju.

60.5.2 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu r-rapporti tal-Effiċjenza għas-sena 2017 fir-rigward tal-impjegata tal-Kunsill, s-Sinjura C. Camilleri. F' dan il-ħin, il-Kunsilliera Maryann Sultana talbet li tiġi skuzata mill-laqgħa u ħarġet il- barra minħabba kunflitt ta' interess. Il-Kunsill unanimament approva li s-Sna C. Camilleri tingħata performance bonus ta' 6% tas-salarju tagħha.

### 60.6 Tiġdid tal-Kuntratt għal ġbir ta' skart riċikklat

60.6.2 Is- Segretarju Ezekuttiv poġġa fuq il-mejda l-proposti mressqa mill-Kumpanija GreenPak Ltd fejn urew l-interess li jġeddu l-Kuntratt tal-Ġbir ta' l-Iskart. Is- SE fakkar li sejħa ta' interess kienet ntbgħatet kemm lill GreenPak kif ukoll lil Green MT pero' il-Kunsill ġie mgħarraf mill-kumpanija Green MT li mhumiex interessati li jitfgħu l-offerta tagħhom. Il-Kunsill approva li jigi mġedded il-kuntratt ma GreenPak.

### 60.7 Kunsiderazzjoni u l-Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

60.7.1 Fuq il-Mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' ħlasijiet li ġġib iddata tal-10 ta' Jannar 2017 (mehmuża) li tammonta għas-somma ta' € 4,666.47

60.7.2 L-iskeda ta' ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill- Kunsillier Alfred Barbaro Sant li kien issekondat mill- Kunsilliera Maryann Sultana Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta' ħlasijet ġiet iffirmata miz- żewġ kunsilliera biex juru li hu dokument korrett.

### 60.8 Tmiem tal-Laqgħa u data tas- Seduta li jmiss

60.8.1 Wara li ma kienx hemm affarijiet oħra,l-laqgħa ntemmet fil-5.20pm ġiet aġġornata għal 9 ta' Frar 2018 fit-3pm

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| ____________________ | ____________________ |
| Peter Sant Manduca | Mark Mallia |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |

Data: 09-01-2018_______